# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 65

Data tal-laqgħa: 25 ta' Marzu, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2019 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci *6.40p.m.* |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**65/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**65/01/01** Ma kienx hemm.

**65/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 64**

**65/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**65/02/02** Is-Sur Mark Azzopardi nforma li l-Kunsill daħħal appell fuq PA 8051/18 peress li dan l-iżvilupp għandu ħafna minnu ODZ

**65/02/03** **Para 64/02/03:** Is-Sindku qal li l-*information panel* kważi lesta, jonqos biss xi tibdiliet żgħar fid-disinn.

**65/02/04** **Para 64/02/07:** Is-Sindku nforma li peress mit-triq/bankina qed jidħol ħafna ilma f'residenza fi Triq Stiefnu Zerafa, il-Kunsill għamel kuntatt mar-resident u dan aċċetta li l-Kunsill jixtri l-materjal u l-bankina terġa' ssir mill-ġdid minnu.

**65/02/05** **Para 64/02/09:** Is-Sindku nforma li x-xogħol fi Sqaq ix-Xgħajrat dalwaqt ikun lest.

**65/02/06** **Para 64/02/15:** Is-Sindku reġa' fakkar lill-Kunsillieri sabiex jiktbu artiklu kull wieħed għal fuljett. Is-Sur Mark Azzopardi issuġġerixxa li l-Kunsillieri jagħżlu r-ritratti li jixtiequ huma. Kien hemm qbil unanimu.

**65/02/07** **Para 64/02/16:** Is-Sindku nforma li l-laqgħa rigward l-attività ta' Ħadd il-Palm saret.

**65/02/08** **Para 64/02/21:** Is-Sindku qal li l-offerta ġdida għat-Tabelli u Sinjali ta' Traffiku kif ukoll l-offerta għal ġbir ta' skart imħallat u skart organiku qed tiġi riveduta mid-Dipartiment.

**65/02/09** **Para 64/05/07:** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Natalino Attard – Komunikat DĠ/K/02/2019 – Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali. Is-SE staqsiet lid-Dipartiment jekk jistax joqgħod is-Sindku.

**65/02/10** **Para 64/05/08:** Il-Kunsill irċieva stima mis-Sur Francis Mercieca – *St. Bartholomew street footway to repair.* Il-Kunsill innota l-ammont ta' sq.m qiegħed ħażin u li jrid ikun 7sq.m. Ir-resident talab li dan ix-xogħol ma jsirx għalissa minħabba xi xogħlijiet oħra.

**65/02/11** **Para 64/05/10:** Fuq il-proċedura għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat, is-Sindku qal li l-Kunsill ser joħroġ komunikat liż-żewġ skemi sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom. Dawn iż-żewġ skemi awtorizzati huma biss il-Green MT Ltd u l-GreenPak Coop.

**65/02/12** **Para 64/05/19:** Is-Sindku qal li l-Projects Implementation Directorate rranġaw il-ħajt ta' Triq l-Indipendenza.

**65/02/13** **Para 64/05/30:** Is-Sindku nforma li l-mera fit-Triq San Ġwann qrib tal-Każin tal-Football saret.

**65/02/14** **Para 64/05/31:** Is-Sindku qal li t-tabella *no-entry* ħdejn il-Każin tal-Banda fit-Triq l-Oratorju ordnata.

**65/02/15** **Para 64/05/34:** Is-Sindku nforma li x-xogħol ta' konkos fi Sqaq tal-Ferħa sar.

**65/02/16** **Para 64/05/35:** Is-Sindku qal li 3 tabelli tal-*Open Library*/Librerija Miftuħa ħa niġbruhom għada.

**65/02/17** **Para 64/05/36:** Is-Sindku nforma li 10 tabelli żgħar *Please do not pick the flowers* ħa niġbruhom għada.

**65/02/18** **Para 64/05/38:** Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel kuntatt mal-Kappillan u dan ma aċċettax li titbaxxa l-bankina ta' quddiem iċ-ċimiterju.

**65/02/19** **Para 64/05/39:** Is-Sindku nforma li dalwaqt jibda l-proċess biex issir it-triq bejn il-*bollards* fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**65/02/20** **Para 64/05/40: Is-Sindku qal li l-Kunsill** kiteb lil TM sabiex jara tistax Triq Mons Luigi Catania tiġi *one-way* mis-6:00am-8:00am *School Days Only.*

**65/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**65/03/01** Is-Sindku ressaq li jiġi organizzat trasport għal Mixja ta' Puttinu li ħa ssir fid-19 t'April 2019. Kien hemm qbil unanimu.

**65/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**65/04/01** Ma kienx hemm.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**65/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**65/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 20 ta' Frar 2019).

**65/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 27 ta' Frar 2019).

**65/05/03** Il-Kunsill irċieva talba sabiex il-bankina ta' quddiem il-garaxx tar-residenza 29, Triq San Ġwann titbaxxa. Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni biex dan isir, sakemm il-materjal li jintuża biex tinkesa l-bankina jkun l-istess bħal ma kien originali.

**65/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 6 ta' Marzu 2019).

**65/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 13 ta' Marzu 2019).

**65/05/06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn TM fejn ġejna nfurmati li talba għal '*Reserved Parking Bay*' ħdejn 'Pearl Court' fi Triq Caravaggio intlaqgħet (Ref:6344).

**65/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 20 ta' Marzu 2019).

**65/05/08** Fuq it-talba għal żewġ lampi ġodda fi Sqaq il-Qiegħed waħda minnhom ħdejn 'Bellagio' u oħra iktar 'il fuq. Il-Kunsill qabel li nagħmlu kuntatt mal-ENEMALTA biex naraw jistawx isiru.

**65/05/09** Fuq it-talba biex isiru bankijiet iktar komdi fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li nużaw l-bankijiet li hemm ġewwa *Searchlight Battery*.

**65/05/10** Fuq it-talba biex teħel bozza fuq *pole* ħdejn il-*bus stop* ta' Triq Caravaggio. Is-Sindku qal li r-resident ħa jiċekkja ma' min għandu l-flatijiet.

**65/05/11** Fuq it-talba biex it-tabella tal-ħinijiet tal-iskola (ta' ħdejn il-każin tal-football) tiġi fuq pole. Kien hemm qbil unanimu.

**65/05/12** Fuq it-talba għal 1m *dyl* ħdejn daħla ta' dar fi Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu li nieħdu parir mingħand TM.

**65/05/13** Fuq it-talba għal grada quddiem il-latrina fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax hemmhekk hemm bankina wiesgħa.

**65/05/14** Fuq it-talba biex titneħħa kaxxa safra minn quddiem ix-xatba ta' għalqa li qatt ma tinfetaħ fi Triq Fra Duminku Mifsud. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**65/05/15** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru żewġ tabelli ġodda għal Triq il-Miħna. Kien hemm qbil li jinxtraw.

**65/05/16** Is-Sur Mark Azzopardi spjega li l-Kunsill il-ġdid mhux ser ikollu żmien biżżejjed biex jorganizza s-serata ta' Jum il-Għargħur, għaldaqstant, ikun aħjar li dan il-Kunsill jagħżel il-kantanti minn

qabel. Kien hemm qbil unanimu li ngħidu lis-Sa. Michaela Pace, lis-Sur Owen Leuellen u lis-Sa. Petra Zammit.

**65/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**65/06/01** Ma kienx hemm.

**65/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**65/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**65/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**65/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 24 t' April 2019 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**